KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tas-26 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru, 2014 u li bdiet fl-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Philip Vella |
| ViċiSindku: | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri: | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana (kienet skużata) |
| Uffiċċjali: | |
| SegretarjuEżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur/riċi: | Il-post hu vakanti |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fl-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru. 25 – 8 u dawn ġew diskussi, kkoreġuti w approvati unanimament mill-Kunsill.

Il-laqgħa ġiet sospisa fil-5.10 p.m. għaliex fil-kamra tal-laqgħat daħal is-Sur Joseph Grech minn Triq il-Kbira biex jitkellem mall-Kunsill dwar tabella ta' bus stop ta' Transport Malta u s-Sindku taħ il-permess.

Il-laqgħa tkompliet fil-5.15 p.m. fejn il-Kunsill ddiskuta dan l-ilment li reġa ressaq is-Sur Grech mill-minuti ta' qabel fejn reġa talab lill-Kunsill biex il-bus stop ta quddiem id-dar tiegħu titneħħa, peress li qed tkun ta' inkonvenjent għalih. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra b'kopja tar-ritratti li ppreżenta s-Sur Grech lil Transport Malta.

**Jum Dinji tat-Tfal – Il-Programm**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal għandha ssir nhar l-Ħadd 23 ta' ta' Novembru u lejliet din l-attivita', s-Sibt 22 ta' Novembru 2014 issir l-attivita' bl-isem Rock Legends. Il-Kunsill Lokali kien applika għal fond addizzjonali mill-iskema ta' attivitajiet kulturali 2014 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li minn din l-iskema l-Kunsill kien ser jibbenefika €2000 għal l-attivita' bl-isem Rock Legends. Is-Sinkdu żied jgħid li f'dan il-weekend l-Ministeru għal Għawdex flimkien mall-Kumpanija Gozo Channel ser jorganizzaw weekend bis-servizz tal-vapur issusisdjat u għalhekk ser jaħbat tajjeb li f'Għawdex ser ikun hawn aktar nies u b'hekk inżidu aktar attivita' f' Ta' Sannat u f'Għawdex.
Għal l-attivita' tas-Sibt - Rock Legends il-Kunsill għandhu jaħseb għal żewg bands, stage imdaqqas, sound u ftit stage lights.
Filwaqt li l-attivita' tal-Ħadd, dik ta' Jum Dinji tat-tfal li ser issir b'risq il-Malta Community Chest Fund, il-Kunsill għandu jaħseb għal-logħob tat-tfal fosthom il-bouncing castle, train, jiġu mistiedna l-magician u l-ERRC biex jgħatu show lit-tfal, sound, frott u ilma. Il-Kunsill qabel ma dan kollu.

**Skema attivitajiet 2014 / 2015 (DLG Memo 27-2014)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħas-snin l-imghoddija d-Dipartiment tal-Gvern Lokali reġa nieda din l-iskema dwar l-attivitajiet permezz ta' Memo 27 – 2014. Din l-applikazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014 u trid tkun l-uffiċċju tar-Reġjun ta' Għawdex sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014. Is-Sindku ddelega lil Kunsilliera Maria Cassar Sultana responsabbli mill-Kultura sabiex taħdem fuq din l-applikazzjoni. Il-Kunsilliera Cassar Sultana kienet semmiet li jsir Organ Festival. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Ħruġ ta' Tender tal-knis u ndafa fil-lokalita'**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-knis u ndafa fil-lokalita' li bħalissa hu f'idejn John Buttigieg o.b.o. Sannat Lions F.C. ser jiskadi fit-30 ta' Jannar 2015 u ma jistax jerġa jiġġedded, għalhekk hu talab lill-Kunsill sabiex jgħamel sejħa għal offerti ġodda. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit kien ipprepara d-dokument bl-ispeċifikazzjonijiet għat-tender tal-bankini fil-lokal. Dan it-tender għandu jiġi ppublikat b'avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-gazzetta l-Malta Indipendent ukoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Impieg ta' Skrivana**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-interviews għal Skrivan/a full-time fi skala 15, back to back saru nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2014. Għal dan il-post gew intervistati 10 persuni minn 24 li applikaw. Il-bord tal-għażla li kien kompost minn Chairperson u żewġ membri, għażel lis-Sinjorina Caroline Muscat li ġabet l-għola marki għal din il-kariga. Is-Segretarju Eżekuttiv semmha li fit-tieni post għal din il-kariga ġew tnejn bl-istess marki u li t-tielet post kien vakanti. Il-Kunsill qabel u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lis-

Sinjorina Caroline Muscat bil-mili ta' dan il-post u jekk taċċeta din il-kariga tibda taħdem mall-Kunsill Lokali minn nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru 2014. F'każ li din ma taċċettax il-bord tal-għażla għandu jerġa jiltaqa' u jgħamel l-intervista lil dawk it-tnejn li ġabu l-istess marki fit-tieni post. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jiġi rranġat l-uffiċju tal-iskrivani billi jixtru skivanija, siġġu u komputer ġodda għall-impegata l-ġdida. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Ambaxxatur/Ambaxxatriċi**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar is-sejħa ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi li jirrapreżenta jew tirrappreżenta liż-żgħażagħ bejn is-16 u t-18 il-sena fil-Kunsill, bl-avviżi li l-Kunsill qassam u avża fir-residenti tal-lokal u ma wieġeb ħadd. Il-Kunsill għandu jara kif ser jħajjar lill xi ħadd minn dawn iż-żgħażagħ tar-raħal biex dan il-post jimtela'.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li filgħodu waqt il-ħinijiet tad-Duttirina u anke filgħaxija waqt il-ħinijiet tal-MUSEUM is-sqaq mill-Pjazza Santa Margertia għal Triq Ta' Xamgħan fil-bidu tagħha għandha titwaħħal tabella Dead End u teħel movable bollard ma l-art biex minn din it-triq ma jgħaddux vetturi u nevitaw il-periklu lit-tfal. Dan talbuħ il-ġenituri tat-tfal stess. Il-Kunsill qabel ma dan u qal li għandha tintalab l-għajnuna tal-pulizija biex jekk hu possibli qabel id-dħul tal-iskola il-pulizija jkun hdejn dan is-sqaq waqt li t-tfal imorru għad-duttrina filgħodu.

2. Is-Sindku qal lill-Kunsill li s-Sur Emanuel Terribile Project Manager ta' Mġarr ix-Xini Regional Park kellu laqgħa mall-Onor. Edward Zammit Lewis – Ministru tat-Turiżmu fejn preżentalu power point dwar il-Wied ta' Mġarr ix-Xini.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien ġie nfurmat li fil-playing field ta' Triq Marziena saret inspection fuq il-palm u nstabet palma mejta mill-bumunqar aħmar. Il-Kunsill qabel li din titneħħa mill-aktar fis possibli għaliex tista tmarrad palm ieħor.

4. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva ittra mill-poly clinic tar-Rabat Għawdex fejn infurmatna li ser isir tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-berġa, Dan ser isir bejn l-10.00 a.m. u l-10.30 a.m. minflokk fl-10.30 a.m. u l-11.00 a.m. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni basta r-residenti tal-lokal ikunu nfurmati b'dan it-tibdil.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-DLG infurmana li l-kuntratt mall-WasteServ skada fil-31 ta' Lulju 2013 u l-bins issa saru propjeta tal-Kunsill għalhekk minn issa l-ispejjez f'każ ta' ħsarat, irid isir mill-Kunsill jew jiddependi mill-ftehim li sar bejn il-kunsill u l-kuntrattur.

6. Is-Sindku talab sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jitlob li ssir laqgħa mall-Headmistress il-ġdida tal-iskola primarja Ta' Sannat. Hu talab ukoll lill-Viċi Sindku, responsabbli mill-Edukazzjoni u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jattendu miegħu għal din il-laqgħa.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva talba mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni mis-sezzjoni tal-Life Long Learning fejn dawn talbu li l-Kunsill jipprovdi

post fejn jsiru korsijiet tal-craft, erba' t'ijiem fil-ġimgħa filgħodu. Il-Kunsill ħass li jekk jipprovdi s-sala tal-Kunsill, hu kien ser ikun marbut li ma jkunx jista juża din is-sala għal kumdita' tiegħu.

8. Is-Sindku talab lill-Kunsill biex bħas-sena l-oħra fil-jiem tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena jsir riċeviment żgħir, fis-sala tal-Kunsill lil għaqdiet volunitarji tar-raħal fejn il-membri ta' dawn l-għaqdiet jiltaqgħu u jiġu rikonoxxuti għal ħidma tagħhom matul is-sena. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jara meta hi l-aħjar ġurnata.

**Komunikazzjoni mill-Kunsillieri**

1. Il-Viċi Sindku ġibded l-attenzjoni li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u li bħalhom hemm tat-telefon għandhom jitħallsu mill-aktar fis biex ma jkunx hemm imgħax minħabba id-dewmien fil-ħlasijiet.

2. Il-Kunsilliera Margaret Said ssuġerit li għal żmien il-Milied issir ħarġa għal Malta nhar il-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2014. Għandu jitħejja programm tal-ġurnata u l-Kunsill joħroġ l-avviżi minn qabel dwar din il-mawra. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva kont mingħand il-Public Cleansing Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tad-dawl u l-ilma tal-latrina pubblika, ta' Triq Sannat b'ammont pendenti ta' €6397.55 indirizzat lill-Environment Dept. Gozo, Old Hospital, Pjazza San Franġisk, Rabat – Għawdex. Il-Kunsill qal li dawn il-kontijiet qatt ma tħallsu mill-Kunsill. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Said qalu li meta kienet saret laqgħa mall-Ministru għal Għawdex f'Novembru 2013 kienu nfurmawh dwar dan u nfurmawh ukoll li din latrina pubblika ser tiġi rrangata mill-fond tal-Kunsill biex b'hekk ma jinħeliex aktar ilma peress li mill-pixxini tal-irġiel matul il-ġurnata kien l-ħin kollu jinħela u jinżel l-ilma minnhom. Il-Kunsill kompla jgħid li din latrina issa tinsab magħluqa peress li x-xogħol ta' rinovazzjoni fl-istess latrina qed isir.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hemm bżonn li joħorġu l-kwotazzjonijiet tal-cleaner tal-bini tal-uffiċċju amministrativ u dik ta' Avukat. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Cassar Sultana preżentat il-lista ta' attivitajiet kulturali għas-sena 2015.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu tkellem mal-Inġinier Mario Galea dwar il-problema tal-kontijiet tad-dawl tal-uffiċju peress li l-Kunsill għandu l-pannelli fuq il-bejt tal-Uffiċju. L-Inġinier Galea ta l-parir li jsir energy saving audit.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar kwotazzjoni bl-ammont ta' €3457.37 mingħand il-Contract Manager tal-istreet lighting dwar wiring għal bozza ġdida fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qal biex dan ix-xogħol jitħalla għas-sena li ġejja.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-istatment tal-Urban Improvment Fund (MEPA) hu ta' €12674.92.

**Suġġerimenti**

1. Noel Muscat issuġerixxa li jitħawlu aktar siġar endemiċi u arbuxelli fil-madwar u qal li l-mall tal-Gvern tar-Rabat Għawdex bħal issa għandu minn dawn is-siġar.

2. Persuna mill-Għasri ħalliet fil-Kunsill kotba dwar ir-raħal ta' l-Għasri għal prezz ta' €15 u talbet lil kunsill biex jekk hu interessat jixtrihom.

**Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gven Lokali**

Memos tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

Memo 27/2014 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2014 - 2015
Memo 28/2014 Nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill

**Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**